# Il-Gamiem huma l-mira ewlenija tul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa

## BirdLife Malta tikteb uffiċjalment lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu azzjoni

Mal-ewwel sinjali tal-passa tal-Gamiem, BirdLife Malta diġà rċeviet l-ewwel Gamiema li kien ikkonfermat li spiċċat fil-mira tal-kaċċa illegali. Il-Gamiema hija tajra protetta. B'aktar Gamiem għad irid jasal fil-jiem li ġejjin, u minkejja li l-qofol tal-passa ta' dan l-għasfur fadlilha sal-aħħar ta' April, din hija prova oħra ċara li l-Gvern Malti ħoloq paraventu apposta biex ikun jista' jinqatel illegalment il-Gamiem li llum għandu status ta' speċi vulnerabbli.

Dan kien ukoll wieħed mill-punti prinċipali elenkati f'ittra twila li ntbagħtet lill-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent Virginijus Sinkevičius u li ssejjaħ biex tittieħed azzjoni fuq dan l-abbuż sfaċċat mid-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar. Minbarra l-fatt li l-istaġun infetaħ apposta tul il-qofol tal-passa tal-Gamiem minflok infetaħ aktar kmieni meta jgħaddu biżżejjed Summien biex tintlaħaq il-kwota ta' 5,000 għasfur, fl-ittra BirdLife Malta semmiet ukoll il-fatt li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa. Il-Gvern ta' Malta qed jgħid li n-numri ta' Summien maqbuda fil-ħarifa 2019 ma kinux biżżejjed u għalhekk għandu jiġi permess staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa. Madanakollu BirdLife Malta enfasizzat il-punt li minn 10,615-il kaċċatur kien hemm biss 294 li ddikjaraw li qabdu xi waħda mill-40 speċi differenti ta' għasafar tul ħames xhur ta' staġun tal-kaċċa fil-ħarifa. Dan il-fatt tħalla barra apposta mir-rapport tal-Carnet De Chasse ppubblikat mit-Taqsima għar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Wild Birds Regulation Unit, WBRU), li hija taqsima preġudikata mmexxija minn nassaba u kaċċaturi. Dan sempliċiment juri kif l-informazzjoni li fuqha l-Gvern Malti qed jipprova jiġġustifika l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa mhija informazzjoni xejn.

"Wasal iż-żmien li l-Kummissjoni Ewropea ma tħallix iktar lill-Gvern Malti jgħaddiha biż-żmien u tieħu pożizzjoni ċara li mhix se tittollera dan il-ksur intenzjonat tal-liġi Ewropea. Dan qed jintalab minn BirdLife Malta bħala parti minn kampanja qawwija mis-soċjetà ċivili li qed issejjaħ għal governanza aħjar f'Malta. Iċ-ċittadini vvutaw biex Malta tidħol fl-Unjoni Ewropea (UE) biex jiżguraw li l-Gvern jinżamm kontabbli għal għemilu. Aħna bgħatna l-ittra wkoll

lill-Għaqda Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (International Union for Conservation of Nature, IUCN) li għandha wkoll tiżgura li derogi bħal dawn permessi taħt l-umbrella tad-Direttiva Ewropea tal-Għasafar, ma jkomplux jipperikolaw il-popolazzjoni dejjem tonqos tal-Gamiema. Anzi, stati membri għandhom jieħdu miżuri biex iħarsu din l-ispeċi", qal il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana.

Sadanittant, fl-aħħar jiem BirdLife Malta ġabret erba' għasafar protetti oħra feruti b'tiri ta' senter kif jidher minn dan il-video ġdid li qed inxandru llum. Minbarra l-Gamiema feruta, BirdLife Malta u l-pulizija rċivew ukoll żewġ Bagħdan Aħmar, Agrett Abjad u saħansitra Gawwija Prima b'ċurkett Taljan li faqqset fi Sqallija s-sena l-oħra. Dawn kollha kienu ċċertifikati mill-veterinarju tal-gvern li spiċċaw fil-mira tal-kaċċaturi illegalment, biex it-total ta' tajr protett ferut li ġie rkuprat mill-bidu tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa sebat ijiem ilu issa tela' għal għaxra, jiġifieri issa aktar minn għasfur kuljum.

Il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara qal: "Din is-sena qed naraw żieda drastika fl-għasafar protetti li qed jinstabu mill-pubbliku wara li jitniżżlu illegalment mill-kaċċaturi – indikazzjoni ta' kemm huwa mifrux il-qtil illegali tal-għasafar ikkaġunat mill-komunità tal-kaċċaturi. Meta tqabbel l-aħħar tliet snin mill-1 ta' Jannar sal-lum toħroġ xejra ċara ta' żieda fin-numri, u dawn ikomplu jiżdiedu aktar meta jkollok staġun tal-kaċċa li jaħbat mal-passa ta' għasafar protetti. Wieħed irid jiftakar ukoll li l-għasafar feruti jew maqtula li niġbru jkunu biss qatra f'oċean, għax ħafna għasafar oħrajn li jisparaw fuqhom ma jinstabu qatt".

Aħna nappellaw lill-pubbliku biex ikompli jissorvelja u jirrapporta l-illegalitajiet u jingħaqad magħna biex inwaqqfu dan l-abbuż darba għal dejjem. Wieħed jista' jappoġġja lil BirdLife Malta billi jsir membru fuq http://bit.ly/joinBLM inkella billi jingħaqad magħna bħala supporter fuq http://bit.ly/Becomeasupporter.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**

- Tqabbil ta' tliet snin (2018-2020) li juri x-xejra ta' żieda fl-għasafar protetti li qed jispiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-NqFQRVhug3**

1. Gamiema protetta li spiċċat fil-mira tal-kaċċa illegali fid-Dwejra, Malta
2. Bagħdan Aħmar b'tiri ta' senter li nstab mill-pulizija fiċ-Chadwick Lakes
3. Bagħdan Aħmar ferut miġbur mis-Salina
4. Agrett Abjad b'tiri ta' senter li nstab mill-pubbliku fiż-Żurrieq
5. Gawwija Prima b'ċurkett mill-Italja li nstabet feruta fiċ-Ċirkewwa

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-fajyIkWRC5**

- Filmati tal-ewwel Gamiema miġbura minn BirdLife Malta dan l-istaġun wara li spiċċat fil-mira tal-kaċċa illegali, flimkien ma' erba' għasafar protetti oħra feruti b'tiri ta' senter